MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru 293/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**KONTRA**

**JOSEPH GAUCI, iben il-mejtin Francis u Carmena nee' Sammut, imwieled nhar it-22 ta' April, 1944, residenti fil-fond numru 72, Victoria, Triq Karmnu, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 489944M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOSEPH GAUCI**, li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta' Marzu, 2008, ghall-habta tas-06.30pm, gewwa Triq il-Karmnu, Birkirkara, ikkommetta hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAV 932 tal-ghamla Toyota Hilux a detriment ta' Sandro Portelli minn

Birkirkara, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.39), izda teccedi l-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu(116.47).

Rat li fl-istadju ta’ l-interrogatorju huwa ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, wara li l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li kellu d-debita kunsens ghall-istess proceduri;

Rat li l-akkuzat ikkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta ta’ nhar it-28 ta’ Novembru, 2008;

Semghet ukoll it-trattazzjoni dwar il-piena fl-istess seduta.

In vista ta’ tali ammissjoni bikrija, il-Qorti sabet htija ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll id-dokument ezebit DOK SZ1, cioe’ dikjarazzjoni a saldu tal-hlas tal-hsara li saret fuq il-vettura mertu ta’ din l-akkuza, ghaldaqstant dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali tieghu, li hija hgal kollox netta, tqis li l-piena idonea hija dik ta’ l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------